# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 10**

**Rikors numru 692/09 FS**

**Joanne Cassar**

**v.**

**Joseph St. John u ghal kull interess li jista' jkollha martu Mary Saint John sive St. John, u William Saint John sive St. John u Tyrone Saint John sive St. John**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat li ressqet l-attriċi fis-16 ta' Lulju, 2009, u li jaqra hekk:

> "Illi l-esponenti intavolat citazzjoni (numru 1323/1981CFS) fl-ismijiet Joanne Cassar vs Joseph St John fejn talbet dikjarazzjoni li l-konvenut Joseph St John huwa unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar l-ahhar tas-sena 1979 meta l-intimat hebb ghall-esponenti, laqhatha f'ghajnejha u ikkagunalha ferita ta' natura gravi u permanenti (Dokument A);

"Illi konsewentement l-esponenti talbu li l-konvenut Joseph St John jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-imsemmi incident, tillikwida d-danni sofferti minnha b'rizultat tal-incident u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata;

"Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fid-9 ta' Lulju, 2009, wara li ntlaqghu t-talbiet attrici, il-konvenut Joseph St John gie kundannat ihallas is-somma ta' mitejn u sitta u ghoxrin elf u tlett mija u tlettax-il ewro u sebgha u sittin centezmu (€226,313.67) oltre tliet kwarti mill-ispejjez gudizzjarji (Dokument B);

"Illi fil-25 ta' Mejju, 2009 l-esponenti talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 897/09 sabiex il-konvenut Joseph St John jigi inibit milli jittrasferixxi l-proprjeta` immobiljari li kellu f'ismu u dana in kawtela ta' hlas ta' danni lilha dovuti wara li l-Perit Legali mahtur f'dik il-kawza kien illikwida l-ammont lilha dovut u liema mandat gie akkordat provizorjament (Dokument C);

"Illi mir-risposta tal-konvenut Joseph St John ghar-rikors tal-mandat ta' inibizzjoni ir-rikorrenti saret taf illi b'zewg kuntratti ta' donazzjoni datati 10 ta' Marzu, 2009 u 18 ta' Marzu, 2009 pubblikati fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall il-konvenut Joseph St John flimkien ma' martu Mary Saint John sive St John ittrasferew il-proprjeta` immobiljari taghhom kollha, liema kuntratti gew ippubblikati ftit wara li gie prezentat u nhalef ir-rapport tal-Perit Legali (Dokumenti D u E);

"Illi l-imsemmija kuntratti saru b'qerq bi hsara tal-jeddijiet tal-esponenti u l-konvenut Joseph St. John kellu l-intenzjoni li jiddefrawda lill-esponenti mid-drittijiet taghha;

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratti ta' donazzjoni publikati fl-10 ta' Marzu, 2009 u fit-18 ta' Marzu, 2009 fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall, permezz ta' liema gew trasferiti l-proprjeta` immobiljari kollha mill-konvenut Joseph St John lill-konvenuti William Saint John sive St John u lil Tyrone Saint John sive St. John, saru b'qerq da parti tal-kontraenti Joseph St John, bi hsara tal-jeddijiet tal-esponenti bl-intenzjoni li din tigi defrawdata;

"2. Konsegwentement tiddikjara li l-istess kuntratti tal-10 ta' Marzu, 2009 u tat-18 ta' Marzu 2009 fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall bhala nulli u bla effett;

"3. Occorrendo tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jersqu ghall-publikazzjoni ta' l-atti notarili ta' rexxissjoni tal-kuntratti imsemmi tal-10 ta' Marzu 2009 u tat-18 ta' Marzu 2009 fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall

u ghal dan il-ghan tinnomina nutar biex jippublika l-att ta' rexxissjoni opportun u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

"B'riserva ta' kull azzjoni ohra talvolta spettanti lill-esponenti.

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni".

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li in forza tagħha eċċepew:

"1. **ILLI** preliminarjament, l-esponenti Mary St. John ma kienet qatt parti fil-proceduri ref: 1323/81 CFS fl-ismijiet Joanne Cassar Vs Joseph St. John u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza ta' gudizzju;

"2. **ILLI** t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ma huwiex minnu li dak li sar kien fih element ta' qerq u dana ghaliex ir-rikorrenti kellu kull opportunita` jikkawtela d-drittijiet minnu pretizi fil-kawza li damet ghaddejja xejn anqas minn tmienja u ghoxrin sena;

"3. **ILLI** minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atti li qed jintalab li jigu impunjati ma jnaqqsu xejn mill-patrimonju ta' esponenti fil-mument illi giet intavolata il-kawza ref: 1323/81CFS fl-ismijiet Joanne Cassar vs Joseph St. John;

"4. **ILLI** ukoll minghajr pregudizzju ghal dak su-espost, il-fond trasferit permezz ta' l-att in atti tan-Nutar Dott. Patricia Hall datat ghaxra (10 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) kien gie akkwistat tul iz-zwieg ta' l-esponenti Joseph St. John ma l-esponenti Mary St. John;

"5. **ILLI** ghalhekk in pessima ipotesi kull sentenza li tista' tinghata ghandha tkun limitata biss ghall kull sehem illi kellu l-esponenti Joseph St. John fil-proprjetajiet donati fl-atti notarili msemmija fir-rikors promotur".

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Mejju, 2013, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża f'dan il-mod:

"Il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' Mary St. John kif intqal fuq fil-paragrafu precedenti.

"Tichad ukoll it-tieni eccezzjoni minhabba dak li ntqal taht "D2" hawn fuq.

"Tichad it-tielet eccezzjoni dwar li l-atti li ntalbet l-impunjazzjoni taghhom ma jnaqqsu xejn mill-patrimonju ta' Joseph St. John minhabba li gie pruvat li minghajr il-proprjeta` msemmija l-kreditu tar-rikorrenti sejjer jigi eluz.

"Dwar ir-raba' eccezzjoni huwa probabbilment veru li l-proprjeta` giet akkwistata matul iz-zwieg izda peress li ma gietx milqugha l-eccezzjoni dwar Mary St. John, anqas din ma tista' tigi milqugha, u l-hames eccezzjoni m'hi xejn hlief ripetizzjoni tal-1 u l-4 taht forma ohra.

"Michuda l-eccezzjonijiet, il-Qorti tiddikjara li l-kuntratti ta' donazzjoni publikati fl-10 ta' Marzu, 2009 u fit-18 ta' Marzu, 2009 fl-atti tan-Nutar Dr. Patricia Hall, permezz ta' liema gew trasferiti l-proprjeta` immobiljari kollha mill-konvenut Joseph St. John lill-konvenuti William Saint John *sive* St. John u lil Tyrone Saint John *sive* St. John, saru b'qerq da parti tal-kontraenti Joseph St. John, bi hsara tal-jeddijiet tar-rikorrenti bl-intenzjoni li din tigi defrawdata.

"Konsegwentement tiddikjara li l-istess kuntratti ta' l-10 ta' Marzu, 2009 u tat-18 ta' Marzu, 2009 fl-atti tan-Nutar Dr. Patricia Hall bhala nulli u bla effett.

"Tordna notifika lin-Nutar tal-Gvern u lill-istess Nutar Patricia Hall.

"Tikkundanna lill-intimati biex fi zmien xahar jersqu ghall-publikazzjoni ta' l-atti notarili ta' rexxissjoni tal-kuntratti msemmija ta' l-10 ta' Marzu, 2009 u tat-18 ta' Marzu, 2009 fl-atti tan-Nutar Dr. Patricia Hall u ghal dan il-ghan tinnomina lin-Nutar Dr. Maria Spiteri biex tippublika l-att ta' rexxissjoni opportun u lil Dr. Abigail Galea bhala kuratrici sabiex tirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

"Spejjez kontra l-intimati".

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**C. PROVI:**
"Xehedet in-Nutar Patricia Hall u kkonfermat il-kuntratti a fol 41 *et* u 44 *et* tal-process. St. John xtaq jiddona xi proprjeta` lit-tfal tieghu u ghamlu zewg kuntratti ta' donazzjoni. Ma kienet ghamlet ebda ricerki, anqas ghal xi Mandat ta' Inibizzjoni.

"Xehed Jason Grech, *Principal*, in rapprezentanza tad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku. Irrefera ghad-dokument esebit fil-process a fol. 60

*et seq* tal-process li huma ricerki mis-sena 1960 sa Jannar 2009 u kkonferma li dawn ir-ricerki hargu mid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku. Fuq talba esebixxa kopja ta' ricerki f'isem Joseph St. John William St. John.

"Xehedet Joanne Cassar u esebiet ir-ricerki Dok. JG1.

"Xehed Joseph St. John li semma li jaf lil Joanne Cassar minhabba l-incident li kellhom kif ukoll bis-sentenza li nghatat fil-konfront tieghu fid-9 ta' Lulju, 2009 li permezz taghha gie kundannat ihallas. Hu ma kienx appella mis-sentenza. Semma li ghandu xi proprjeta` li pero` qieghdha maqsuma bejn tlettax (13)-il persuna. Ir-residenza tieghu taha lit-tfal minhabba li jduru bih u bil-mara. Xehed li m'ghandux flus il-bank. Semma li ghandu karozza CAY302. Zied li ma hallas ebda ammont lir-rikorrenti ghax m'ghandux flus.

"Xehedet Dr. Alexia Aquilina li semmiet li kien hemm cedola ta' €598.29 numru 1437/2010 wara l-Mandat ta' Sekwestru 1617/2010 tad-19 ta' Ottubru, 2010.

"Xehedet in-Nutar Krystle Galea u esebiet kopja ta' kuntratt ta' donazzjoni favur Joseph St. John u l-mara tieghu li kien gie pubblikat fid-29 ta' April, 2009. Ma kenitx ghamlet ricerki anqas fuq Mandat ta' Inibizzjoni. Ma kenitx taf ir-raguni ghaliex ftit zmien qabel kien sar kuntratt iehor bejn l-istess partijiet. Semmiet li ma kienx taxxabbli minhabba li kien gie trasferit l-uzu u t-tgawdija biss, anqas l-uzufrutt.

"Xehed William St. John li jigi t-tifel ta' Joseph St. John li semma li missieru kien ghamel kuntratt ta' donazzjoni fuqu u fuq hutu. Ma setax jiftakar dwar ricerki.

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***D1. Fatti fil-qosor:***

"Fil-kaz in ezami r-rikorrenti qed titlob li l-kuntratti ta' donazzjoni pubblikati fl-10 ta' Marzu, 2009 u fit-18 ta' Marzu, 2009 fl-atti tan-Nutar Dr. Patricia Hall, permezz ta' liema gew trasferiti l-proprjeta` immobiljari kollha mill-intimat Joseph St. John lill-intimati William Saint John *sive* St. John u lil Tyrone Saint John *sive* St. John, saru b'qerq da parti tal-kontraenti Joseph St. John, bi hsara tal-jeddijiet tar-rikorrenti bl-intenzjoni li din tigi defrawdata.

"Min-naha l-ohra l-intimati laqghu ghal din it-talba billi Mary St. John ma kenitx parti fil-proceduri 1323/81 u fil-kaz ta' l-intimati kollha li t-talbiet huma infondati *stante* li mhux minnu li dak li sar kien fih element ta' qerq, u li l-atti li qed issir talba biex jigu impunjati ma jnaqqsu xejn mill-patrimonju ta' Joseph St. John.

"***D2. Kap 16 – Artikolu 1144:***

"Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha kif presjeduta deciza fit-28 ta' Settembru, 2010 fl-ismijiet **Paul u Mary Anne sive Marion konjugi Portelli vs Ronald *sive* Ronnie Agius u Joseph Camilleri** (Citazz. Nru.: 1013/05FS) fejn qalet :

> "L-azzjoni attrici hija ibbazata fuq l-Artikolu 1144 tal-Kap 16. Dan jghid:
>
> > "Kull kreditur jista' wkoll, f'ismu, jattakka l-atti maghmula b'qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-beneficcju ta' l-eskussjoni, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 795 sat-801 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.
> >
> > "(2) Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu oneruż, il-kreditur għandu jipprova li kien hemm qerq min-naħa taż-żewġ partijiet fil-kuntratt." ...

"... Fis-sentenza ta' l-Appell Civili Superjuri deciza fis-6 ta' Ottubru, 1999 fl-ismijiet **Anna Bellia vs Victor Grech u John Bellia** inghad li l-iskop ta' l-*actio pauliana* hi li tippreserva l-patrimonju tad-debitur biex tissalvagwardja l-interessi tal-kredituri. Iridu jigu pruvati l-*eventus damni* u l-*consilium fraudis*. Ara App. Civ. **Calleja vs Grima** 10/1/95, XXXIX-I-24 ; **Ciancio vs Buontempo** XXXIV-III-851 ; **Bray vs Bray** XLIV-II-659. Ukoll l-*actio pauliana* tista' tigi istitwita anke minn mara mizzewga kontra zewgha biex tipprotegi l-interessi taghha, ghalkemm il-proceduri ghas-separazzjoni jkunu ghadhom pendenti. XXXIV-III-851.

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Marco Bongailas vs John Magri *et***, Citazz. Nru. 19/95 deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar 2002, inghad illi :

> "'*la finalità della pauliana è di mettere il creditore nella condizione nella quale si trovava prima che l'atto fraudolento fosse stato compiuto. Dunque l'effetto dell'azione è essenzialmente restitutorio'*.
> *(Mancini Enciclopedia Guridika Italiana* – l-ewwel edizzjoni pg 749).
>
> "L-effett ta' l-ezercizzju ta' l-azzjoni revocatoria ossia pawljana huwa **l-annullament ta' l-att** (Vol. XXIX – ii – 866). *"La finalità della pauliana e di privare il terzo concius fraudis di ogni vantaggio ottenuto dall'proprio fatto illecito. Questo scopo è raggunto obbligando esso terzo "a restituire rem in omni causa" e sarebbe iniquo fargli perdere il prezzo della cosa comprata quanto la frode non sia estesa alla misura dell' prezzo"...*

"... Issa dwar l-elementi ta' l-*Actio Pauliana* kif isemmu Andrea Torrente & Pietro Schlesinger fil-**Manuale di Diritto Privato** — 14a Edizione – Giuffrè Editore – Pagna 446-447 para. 279. hemm erba' elementi:
"(a) li l-**attur huwa kreditur tal-konvenut**;
"(b) illi jkun sar ***un atto di diposizione****, ossia un atto con il quale il debitore modifica la sua situazione patrimoniale, o trasferendo ad altri un diritto che gli appartiene, o assumendo un obbligo nuovo verso terzi, o costituendo diritti a favore di altri su suoi beni*;

"(c) ***l'eventus danni***, *ossia un pregiudizio per il creditore, consistente nel fatto che, come conseguenza dell'atto di disposizione compiuto, il patrimonio del debitore divenga insufficente a soddisfare tutti i creditori, ovvero venga ad essere composto in modo tale da rendere più difficile l'eventuale soddisfacimento coattivo del credito*; u
(d) ***il consilium fraudis***, *ossia la conoscenza del pregiudizio che l'atto arreca alle ragioni del creditore.*

"Ta' min izid li kawza ta' l-*actio pauliana* meta tirnexxi l-att impunjat jigi rez ineffikaci biss fil-konfront tal-kreditur li jkun ipproceda ossija kif jikteb Trabucchi (*Istituzioni di Diritto Civile*" – 42a *edizione* (2005) – Cedam - §326 pg 712):

> "*'Effetto della revocatoria è la dichiarazione di inefficacia dell'atto di alienazione; tale dichiarazione avvantaggia soltanto il creditore o i creditori istanti.'*

"L-iskop ta' l-azzjoni huwa li tissalvagwarda lill-kreditur li jħossu preġudikat, sabiex eventwalment dan ikun f'posizzjoni li jista' jirkupra l-kreditu tiegħu. Infatti l-*Actio Pauliana* hija magħrufa bl-isem ukol ta' Azzjoni Revokatorja u mhux bħala waħda ta' reintegrazjoni.

"Inoltre kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Camilleri vs Mario Borg *et***, Citazz. Nru. 28/02 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru 2004 d-dannu irid ikun idderiva direttament mill-att impunjat.

"Fir-rigward ta' l-'*eventus damni*' dan jikkonsisti fil-pregudizzju li jsofri l-kredtur mill-fatt tad-debitur u l-pregudizzju jivverifika ruhu appuntu meta bil-fatt tieghu d-debitur jilledi d-dritt kreditorju (Ara f'dan is-sens **Carmen Mizzi vs Mabel Mizzi *et***, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Ottubru, 1994).

"Dwar l-element tal-Frodi, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Camilleri vs Mario Borg *et*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Ottubru 2004:

> "'Ghad-debitur il-*consilium fraudis* jikkonsisti filli huwa jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu insolventi bis-sahha ta' l-att minnu kompjut ossia jkun qieghed jidhol fil-kondizzjoni ta' insolvenza jew ta' minorata solvibilità. Ghat-terz jirrikorri l-"*consilium fraudis*" kull meta fil-waqt li jkun qieghed jikkontratta mad-debitur, huwa jaf illi qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta' hsara ghall-kreditur.
>
> "*la frode pauliana diferisce notevolmente dal dolo, nel senso che non suppone come questo l'uso di manovre sleali. Non è nemmeno necessario che il debitore abbia agito coll'intenzione di nuocere ai suoi creditori; basta che abbia avuto conoscenza del pregudizio che cagionava.*'

"Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Moira Zammit Tabona vs Simlar Limited *et***, Citazz. Nru. 1586/01 deciza minn Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Novembru 2006.

"In effetti l-*animus nocendi* mhux mehtieg biex tigi ezercitata l-azzjoni revokatorja imma huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previzjoni li l-att ser ikun leziv ghall-kreditur.

"Dwar l-element tal-*paticipatio fraudis* da parti tat-terz, fis-sentenza fl-ismijiet **Prokuratur Legali Adrian Borg *noe* vs Agostino *sive* Winston Carbone *noe et noe***, Citazz. Nru.704/93TM deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Mejju 2002 jinghad illi dan jirrikorri meta t-terz ikun jaf li qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta' hsara ghall-kreditur.

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Henry Pace *et noe* vs Antonio Portanier *et***, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fid-29 ta' Marzu 1957 (XLIC-I-627) gie osservat illi:

> "'l-intenzjoni frawdolenta hija prezunta meta huwa [id-debitur] jkun ghamel l-att pregudizzjevoli ghall-kreditur filwaqt li kien jaf li gia kien insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b'dak l-att; u din ix-xjenza da parti tieghu ghandha tigi facilment ammessa, billi hija inverosimili li wiehed ma jkunx edott mill-affarijiet tieghu sa dak il-punt'."

"***<u>D3. Applikabilita` tal-ligi ghall-fatti tal-kaz:</u>***

"L-artikolu 1144 tal-Kap 16 huwa ntiz mil-Legislatur biex jghin lill-kreditur jattakka atti tad-debitur maghmula b'qerq li jwasslu ghall-hsara tad-drittijiet tal-kreditur. Fil-kaz in ezami ghandna trasferiment ta' fondi b'titolu ta' donazzjoni u ghalhekk anqas hu applikabbli s-subartikolu 2 ta' l-artikolu 1144. Wara li l-intimat Joseph St. John kien gie kkundannat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €226,313.67 in segwitu ta' incident b'decizjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta tad-9 ta' Lulju, 2009. Permezz tal-kuntratti ta' donazzjoni gara li r-rikorrenti sabet li meta giet biex tezegwixxi, l-intimat Joseph St. John ma kienx fadallu aktar proprjeta` ghax bil-kuntratti ta' donazzjoni maghmulin erba' (4) xhur qabel ma nghatat is-sentenza hu kien ittrasferixxa l-proprjeta` msemmija. Ghalhekk meta r-rikorrenti istitwiet il-proceduri odjerni, hi kellha l-iskop li tippreserva l-patrimonju tad-debitur. L-iskop taghha kien li l-kundizzjoni taghha tigi bhal kif kienet qabel ma sar l-att li qed tattakka bhala frawdolenti bi skop restitutorju. Ghalhekk ir-rikorrenti qed tipprova li l-vantagg ottenut mill-fatt illecitu jigi dikjarat null. Irrizulta b'mod car li r-rikorrenti hija kreditrici ta' Joseph St. John, wiehed mid-donaturi, u li sar ta' dispozizzjoni ta' parti mill-patrimonju tieghu li permezz tieghu ttrasferixxa jeddijiet tieghu fuq proprjeta`. Kawza ta' dan gara l-*eventus damni* jew pregudizzju tar-rikorrenti li permezz tieghu l-assi ta' Joseph St. John saru insufficjenti biex jissodisfaw il-kreditu tar-rikorrenti. Certament li Joseph St. John kien konxju tal-fatt li bl-agir tieghu kien qed jikkawza pregudizzju lir-rikorrenti. L-iskop tar-rikorrenti ghalhekk hu li tirrendi ineffikaci l-kuntratti ta' donazzjoni u li qieghed lill-istess rikorrenti f'pozizzjoni li

tirkupra l-kreditu taghha. Infatti d-dannu arrekat lir-rikorrenti jidderiva direttament mill-att li hi qed tipprova timpunja. Jekk il-Qorti ma tilqax it-talbiet tar-rikorrenti, tkun qed thalli lid-debitur jilledi d-drittijiet tal-kreditur ghax id-debitur kien jaf li qed jirrendi ruhu insolventi bis-sahha ta' l-att minnu kompjut u dahal fi stat ta' insolvenza. Dak li ghamel Joseph St. John kien negozju guridiku bi hsara tar-rikorrenti. Certament li Joseph St. John kien konxju mill-pregudizzju li kien qieghed jikkawza lir-rikorrenti u li kellu x-xjenza u l-previzjoni li l-att kien sejjer ikun leziv ghar-rikorrenti.

"***D4. Il-pozizzjoni ta' Mary St. John:***

"L-intimata Mary St. John eccepiet li hi qatt ma kienet parti fil-proceduri 1323/81CFS fl-ismijiet **Joanne Cassar vs Joseph St. John** u li ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Ta' min isemmi li d-dejn originali jorigina minn kawza intavolata fl-1981 meta l-ligi dwar l-obbligi u dejn tal-komunjoni kienu differenti.

"Inoltre l-konsulent legali tar-rikorrenti irreferiet ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta, per Imhallef Dr. Mark Chetcuti, Rik. Nru. 769/11MCH, deciza fit-2 ta' Ottubru, 2012 fl-ismijiet **Salvatore Demanuele *et* vs David Coleiro *et*** fejn intqal:

> "Il-konvenuta Doreen Coleiro tallega illi l-artikolu 1327(f) ma japplikax billi d-dejn civili origina minn male fede tal-konvenut David Coleiro. Il-Qorti ma taqbilx li l-ingann, f'dan il-kaz, hlas ta' indebitu, ghalkemm sar b'qerq cioe b'malafede biex David Coleiro jithallas iktar milli suppost hu reat maghmul volontarjament kif irid l-artikolu 1327(f) biex jigi eskluz li d-debitu civili ikun debitu tal-komunjoni tal-akkwisti. Is-sentenza li nghatat kontra David Coleiro saret a bazi tal-indebitu cioe kwazi kuntratt. Il-qerq imsemmi fis-sentenza hu intiz ghal dak li l-kreditur hu intitolat jircevi lura (ara art. 1023 tal-Kap. 16) u mhux ghax necessarjament hu l-frott ta' reat). Ma rrizultax illi David Coleiro gie mharrek ghal xi reat kommess u anqas ma gie indikat mill-konvenuta ma liema reat qed torbot din l-eccezzjoni taghha. Fir-rikors sabiex tintervjeni ma saret ebda riserva ta' drittijiet anzi jidher illi l-konvenuta kienet konsapevoli tal-kawza u illi d-debitu jekk jigi kanonizzat mill-Qorti kien ser ikun debitu tal-komunjoni tal-akkwisti. Lanqas jista' jinghad li l-konvenuta ma kienitx konsapevoli ta' dak li kien qed jaghmel ir-ragel billi l-kuntratt tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti sar biex hi tevadi d-djun tal-komunjoni li kienet taf li r-ragel taghha kien jidhol fihom b'mod indiskriminat u gie ppruvat li hi irceviet u inkassat *cheques* moghtija mill-attrici fuq isimha in konnessjoni mal-appalt."

"Illi ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-intimata Mary St. John ma tistax tigi milqugha".

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogħġobha:

> "..tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Mejju 2013 fl-ismijiet premessi u tgħaddi minflok biex tiddeċiedi billi, prevja akkoljiment tar-risposti tal-esponenti, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati".

Rat ir-risposta tal-attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti jogħġobha:

> "..tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fit-8 ta' Mejju 2013, u tichad l-appell interpost mill-appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti".

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawża l-attriċi ġiet kanonizzata kreditriċi fl-ammont ta' €226,313.67 f'sentenza fl-ismijiet **Joanne Cassar v. Joseph St. John** (rikors 1323/81) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Lulju, 2009. Irriżulta illi fil-mori ta' dawk il-proċeduri, wara li l-perit legali maħtur biex jiġbor il-provi u jirrelata fuq il-każ ippreżenta r-rapport tiegħu b'opinjoni favur it-terzi attriċi, il-konvenut kien b'żewġ kuntratti ta' Marzu 2009, ittrasferixxa l-proprjetá immobiljari kollha lill-uliedu b'titolu ta' donazzjoni.

L-attriċi tgħid li dan sar b'qerq u bi preġudizzju serju għaliha peress illi sabet li ma għandhiex fuqhiex tesegwixxi s-sentenza li ngħatat favur tagħha. L-ewwel Qorti abbraċċjat it-tezi attriċi u ordnat ir-rexxissjoni taż-żewg kuntratti iffirmati mill-konvenuti f'Marzu tal-2009.

Il-konvenuti appellaw mis-sentenza u jissottomettu li l-proprjetá kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Joseph St. John u martu, u darba li din tal-aħħar ma kenitx parti fil-kawża oriġinali deċiża fl-2009, sehma mill-proprjetá ma jagħmilx tajjeb għad-dejn ta' żewgħa. Jgħidu wkoll li f'dan il-każ ma jikkonkorrux l-elementi tal-azzjoni *pauliana* inizjata mill-attriċi.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti assolutament ma taqbilx miegħu. Meta ġiet istitwita l-kawża oriġinali fl-1981, din saret kontra r-raġel li dak iż-żmien kien <u>waħdu</u> jirrappreżenta l-komunjoni tal-akkwisti, u kien hu, ai termini tal-Artikolu 1318(1) tal-Kodiċi Ċivili, li kellu jiġi mħarrek f'isem l-istess komunjoni. Wara li saret bidla fil-liġi li tipprovdi ghar-rappreżentanza konġunta tar-raġel u l-mara tal-komunjoni tal-akkwisti, ma kienx meħtieg li l-konvenuta Mary St. John tissejjaħ fil-kawża, għax kien provdut li kawżi li infetħu regolarment u validament kontra r-raġel setgħu jipproċedu kif kienu. L-emenda relattiva ma kenitx intiża li tkun retroattiva. Kwindi, il-kreditu naxxenti mis-sentenza mogħtija fl-2009 a

favur l-attriċi kontra l-appellant Joseph St. John hu passiv tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi St. John.

Din il-Qorti ttenni li l-kawża oriġinali saret kontra raġel miżżewweg bħala rappreżentant legali u ġuridiku tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u martu, u kienet il-komunjoni li, allura, ġiet ikkundannata tagħmel tajjeb għad-danni li sofriet l-attriċi. F'kull każ, l-Artikolu 1327(f) tal-Kodiċi Ċivili jgħid li kull dejn dovut bħala rimedju ċivili minn waħda mill-partijiet fiż-żwieġ (bħal ma hu l-każ in eżami) jista' jiġi esegwit fuq il-komunjoni tal-akkwisti (ara, għall-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu, is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Demanuele et v. Coleiro et** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru, 2012, ikkwotata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata).

Is-sentenza ta' Lulju 2009 li hi favur l-attriċi torbot, allura, il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuti konjuġi St. John.

Dwar it-tieni aggravju, kif qalet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Bellia v. Grech**, deċiża fis-6 ta' Ottubru, 1999, l-*actio pauliana* hija miftuħa "*għal kull min għandu azzjoni x'jiddeduċi biex jirreklama l-adempinent ta' obbligazzjoni, b'mod li jista' jisperixxi l-azzjoni, kull min jinsab preġjudikat bil-fatt ta' ħaddieħor b'att kaġonat mid-debitur*". F'dan il-każ, l-attriċi għandha mhux biss pretensjoni, iżda ġiet ikkanonizata kreditriċi

b'sentenza li għaddiet in ġudikat. Hija giet ippreġjudikata bid-donazzjonijiet li d-debituri tagħha għamlu favur uliedhom, u, fil-fatt, ma jirriżultax li dawn għandhom xi assi oħra, fuqhiex l-attriċi tista' tesegwixxi. Jekk il-konvenuti huma tal-fehma li għandhom assi oħra għal dan il-għan, skont l-Artikolu 795 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma kellhom obbligu li jagħtu l-eċċezzjoni tal-eskussjoni billi jressqu lista tal-oġġetti li għandhom u li jkun biżżejjed għall-ħlas tal-kreditu tal-attriċi. Dan ma għamluhx u, kwindi, jirriżulta l-*eventus damni* bħala l-ewwel element meħtieġ għal din l-azzjoni.

Dwar il-*consilium fraudis*, li hu t-tieni element, kif osservat din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Ciancio v. Buontempo** deċiża fl-20 ta' Novembru, 1950, mhux meħtieġ l-intenzjoni li jirreka danni; kull ma hu meħtieġ hu li jkun jaf li bl-att li qed jagħmel qed inaqqas l-assi tal-komunjoni. Kif qalet ukoll din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Pace v. Portanier**, deċiża fid-29 ta' Marzu, 1957, "*l-intenzjoni frawdolenta tad-debitur hija preżunta meta huwa jkun għamel att preġudizzjevoli għall-kreditur fil-waqt li kien jaf li ġia kien insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b'dak l-att; u din ix-xjenza da parti tiegħu għandha tiġi faċilment ammessa, billi hija ħaġa inverosimili li wieħed ma jkunx edott mill-affarijiet tiegħu sa dak il-punt*".

F'każ ta' allegazzjoni ta' frodi, wieħed m'għandux iħares biss lejn dak li jidher fil-wiċċ, iżda lejn iċ-ċirkostanzi li fihom ġie redatt dak l-att

impunjat. F'dan il-każ, hekk kif il-konvenut induna li l-każ ġej kontrih – meta ġie maħluf ir-rapport peritali b'relazzjoni kontra tiegħu – ħaseb biex jiddisponi mill-ġid li kellu u dan biex l-attriċi tiġi skoperta. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Calleja v. Grima** deċiża fl-10 ta' Jannar, 1955, din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata wkoll "*meta l-att frawdolent ikun ġie magħmul għall-oġġett preċiż li jiġu difrawdati l-kredituri futuri*" (ara wkoll is-sentenza **Bellia v. Grech** li għaliha ġia saret referenza).

Huwa dan preċiż li għamel il-konvenut f'dan il-każ, u fil-fehma ta' din il-Qorti, l-atti ta' donazzjoni saru bi skop preċiż li jiġu defrawdati l-interessi futuri tal-attriċi.

Tajjeb li jingħad, għall-fini ta' kompletezza, illi darba t-trasferimenti saru b'titolu gratwitu, mhux meħtieġ il-prova tal-*participatio fraudis* da parti tal-akkwirenti tal-proprjetá (Artikolu 1144(3) tal-Kodiċi Ċivili).

L-elementi kollha għal din l-azzjoni jeżistu u l-istess tista' tirnexxi kif sabet l-ewwel Qorti. Tqies ukoll illi dan l-appell huwa għal kollox frivolu u vessatorju, u li l-attriċi għadha, minħabba dewmien fil-proċeduri u intransiġenza tal-konvenut, iżjed minn 37 sena, tistenna biex tieħu l-ħlas tal-kumpens dovut lilha, u, għalhekk sejra tikkundanna lill-konvenuti għall-ħlas ta' spejjeż doppji.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, b'dan li t-terminu ta' xahar impost mill-ewwel Qorti għat-tħassir tal-kuntratti meritu ta' din il-kawża jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti appellanti *in solidum*, u peress li tqis dan l-appell bħala wieħed frivolu u vessatorju tikkundanna lill-istess konvenuti appellanti *in solidum* għall-hlas ta' spejjeż doppji.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb